Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru : 774/2011AE

**PSS Holdings Limited (Appellata)**

**Vs**

**Justine Baldacchino Barthet (Appellanti)**

Il-Gimgha, 10 ta' Gunju, 2016.

Permezz ta' avviz ta' talba prezentat fit-13 ta' Settembru 2011 fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-attrici harrket lill-konvenuta ghas-somma ta' €3,494.06 rapprezentanti bilanc dovut in virtu ta' att pubbliku li ffirmaw il-kontendenti.

Il-konvenuta wiegbet :-

1. L-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili.
2. L-ammont pretiz mhux dovut.

B'sentenza preliminari tal-4 ta' Ottubru 2012, it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

B'sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014, it-Tribunal cahad l-eccezzjoni fil-meritu u laqa' t-talba attrici.

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma :

1. It-Tribunal kellu jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.
2. Gialadarba t-Tribunal irrikonoxxa li t-talba attrici hi bazata fuq skrittura li ghaliha l-attrici ma kinitx parti, it-Tribunal qatt ma kellha tilqa' t-talba tal-attrici.
3. L-imghax kellu jiddekori mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju peress li l-obbligazzjoni ma kinitx ta' natura kummercjali.

L-attrici wiegbet li s-sentenza tat-Tribunal kienet gusta u ghandha tigi kkonfermata.

**<u>Preskrizzjoni</u>**.

Jirrizulta li s-somma pretiza mill-attrici titratta xoghlijiet li saru fil-partijiet komuni tal-blokk appartamenti Highlands Court, Triq Qrejten, Pieta' u li fih il-konvenuta, b'kuntratt tad-19 ta' Gunju 2006, xtrat l-appartament numru hamsa (5).

Il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza tal-14 ta' Ottubru 1954, fil-kawza **Joseph Mizzi noe versus Joseph Delicata pro et noe** [Kollez. Vol.XXXVIII.iii.710], qalet:

*'…. skond l-art. 2253(a) (illum art. 2148(a)) tal-Kodici Civili, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar "l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu"; …. Id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirreferixxi ruhha ghal lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.'*

M'hemmx prova li l-attrici hi xi persuna li tissemma f'dan il-provvediment. F'dan ir-rigward il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), f'sentenza tat-18 ta' Mejju 1929, fil-kawza **Tommaso Pace nomine versus Salvatore Muscat** [Kollez. Vol. XXVII.i.1013], osservat:

*'… la disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza No. VII del 1868 (illum art. 2148 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti … poiche' la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera'*;

Il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149(a) tirreferi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – 'opus' *'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.'* (**Kollez. Vol XLII.iii.1151**); **'Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri et', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; 'Gio Maria Camilleri – vs- John Licari et', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; 'Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca', Appell, 29 ta' Mejju 2000**.

Hu evidenti li l-azzjoni tal-attrici hi bazata fuq ftehim ta' appalt.

F'sentenza li nghatat fis-27 ta' Mejju 1957, **George Zammit versus Teresa Bonnici nomine** (Vol. XLI-I-347), dwar l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili l-Qorti tal-Appell qalet:

*"Dik id-disposizzjoni tal-ligi tikkontempla l-azzjonijiet … tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu. Din id-disposizzjoni ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta' materjal in genere izda tal-fornituri li jsiru minn … appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien ma' l-opra taghhom ikunu in konnessjoni ma' l-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega. … Ghaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew."*

Fil-kaz in ezami jidher ghalhekk li japplika l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

Madankollu mill-provi ma rrizultax meta tlesta x-xoghol. Prova li kellha ssir mill-konvenuta gialadarba kienet hi li nvokat il-preskrizzjoni estintiva. Prova essenzjali meta tqies li l-prezz li ghalih giet imharrka l-konvenuta, gie pattwit minn qabel. Dan ifisser li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data li tlesta x-xoghol. Data li mill-provi ma jirrizultax meta kienet.

Ghaldaqstant, dan l-aggravju hu michud.

**<u>Interess Guridiku</u>**.

Il-konvenuta ssostni li dwar ix-xoghlijiet meritu tal-kawza, il-kuntratt ma sarx mas-socjeta attrici. Il-qorti fehmet li l-attrici qeghda ssostni li l-konvenuta m'ghandhiex interess guridiku gialadarba ma kinitx parti ghall-kuntratt ta' appalt[1].

Fis-sentenza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni** (P.A. (JRM), 18 ta' Jannar 2001), il-qorti qalet:

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'ta' l-ewwel, wiehed jifhem li* ***dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor.*** *Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "***Falzon Sant Manduca vs Weale***", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

L-attrici pprezentat skrittura privata ffirmata minn Ciqelc Limited u l-konvenuta (fol. 11) li titratta xoghlijiet li Ciqelc Limited giet inkarigata taghmel fl-appartament li xtrat il-konvenuta u fil-partijiet komuni. Fil-kuntratt jinghad:

---

[1] Eccezzjoni li tista' tinghata fl-istadju tal-appell.

*"Dawn ix-xoghlijiet isiru bil-prezz addizzjonali ta' sitt elef u hames mitt lira (Lm6,500), cioe' Lm5,000 ghax-xoghlijiet fil-flat u Lm1,500 ghax-xoglijiet fil-komun, minn liema Lm650 qed jithallsu lum bhala depozitu u l-kumplament meta jitlesta l-appartament li huwa mahsub ghall-ahhar ta' Awissu 2006."*

L-attrici argumentat li skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 380, it-Tribunal ghandu jiddeciedi skond l-ekwita, u:

*"It-Tribunal apprezza li dak li qieghda tipprova twettaq l-appellanti hu li tistahba wara dan il-fatt hemm tibdil fil-kumpannija u cioe' bejn dik li lilha ittrasferitilha l-proprjeta' ghal dik il-kumpannija li hija ftehmet maghha biex din taghmlilha xoghol fl-istess proprjeta. Bir-rispett kollu, l-appellanti taf sew ma min hija nnegozjat, jigifieri, ma' George Portelli, direttur taz-zewg kumpanniji. Dan johrog b'mod car bhala prova mill-atti processwali. Hu appuntu ghalhekk illi t-Tribunal wasal ghal din id-decizjoni tieghu a bazi tal-principju tal-ekwita' hekk kif hu tenut jaghmel skont l-istess ligi li stabbilitu. Dan gahliex l-istess Tribunal intebah u gie ipprovat li ghalkemm jissemmew zewg kumpanniji differenti n-negozju kollu huwa wiehed u sar ma' persuna wahda li tieghu huma dawn iz-zewg kumpanniji."*

Il-qorti tosserva:

i. Mis-sentenza tat-Tribunal ma jirrizultax dak li ssostni l-attrici. Fil-fatt fis-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014 it-Tribunal m'ghamel l-ebda accenn ghall-principju ta' ekwita'. F'kull kaz il-kuncett tal-ekwita' m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni jekk l-attrici ghandhiex dritt tippretendi hlas minghand il-konvenuta ghal xoghol li mill-iskrittura jirrizulta li sar minn haddiehor. Ghalkemm jista' jkun li George Portelli huwa direttur tas-socjeta attrici u ta' Ciqelc Limited, xorta huma zewg persuni guridici distinti minn xulxin.
ii. Mill-provi rrizulta li ghalkemm il-konvenuta xtrat minghand l-attrici, il-kuntratt ta' appalt sar ma' kumpannija ohra. Ghalkemm George Portelli xehed li *"il-kuntratt sar ma Pss Holdings Limited"*, il-provi juru mod iehor. Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kien dik ta' bejjiegh u xerrej ta' appartament u ma kellha x'taqsam **xejn** mal-iskrittura ta' appalt. Kienet l-attrici stess li b'nota (fol. 9) ipprezentat kopja tal-iskrittura tal-appalt li ghaliha kienu parti Ciqelc Limited u l-konvenuta. Fin-nota ddikjarat: *"Dok. 2 – Skrittura Privata datata 9 ta' Frar 2006 li tirrigwarda xoghlijiet li kellhom isiru fil-fond li jirreferi ghalih il-konvenju (Dok. 1) ghall-prezz addizzjonali."* (fol. 9). Fl-avviz tat-talba l-attrici ddikjarat li l-hlas hu dovut *"in virtu"* ta' att pubbliku li sar bejnha u l-konvenuta, liema somma kellha tithallas sal-21 ta' Marzu 2008. L-uniku ftehim li rrizulta li kien hemm bejn il-kontendenti kien il-kuntratt ta' bejgh u xiri ffirmat fid-19 ta' Gunju 2006 (fol. 12) u l-attrici thallset il-prezz kollu fuq l-att. M'hemmx prova li kien hemm xi hlasijiet ohra dovuti lill-attrici jew xi kuntratti ohra.

iii. Lanqas m'hemm prova li x-xoghol sar minn PSS Holdings Limited.

iv. M'hemmx prova li s-socjeta attrici hallset lil Ciqelc Limited dak li hu dovut mill-konvenuta u li giet surrogata fid-drittijiet taghha.

v. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet hu evidenti li meta George Portelli tkellem mal-konvenuta jew xi terzi dwar il-hlas pretiz, kien qieghed jitkellem ghan-nom ta' Ciqelc Limited u mhux tal-attrici.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tieni aggravju ser jigi milqugh.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**
2. **Tilqa' t-tieni aggravju u filwaqt li thassar is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014 tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez relatati mas-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014 u nofs l-ispejjez tal-appell huma a karigu tal-attrici u l-kumplament a karigu tal-konvenuta peress li l-ewwel aggravju gie michud**.

Anthony Ellul.